**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastasi**
**V**

**RICHARD MEILAK**

**Illum, 18 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RICHARD MEILAK** ta' ghoxrin sena bin Joseph u Carmen nee Attard, imwieled Pieta' nhar t-tmintax ta' Dicembru, 1978, li joqghod 10, Triq Ghabex, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 19079M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tletin ta' Ottubru, 1999 u/jew fil-granet ta' qabel din d-data f'San Giljan, ffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett ta' flus ffalsifikat li kien jaf li hu ffalsifikat, talli fl-istess data, post u cirkostanzi minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja tieghu jew pussess tieghu biljett ta' flus ffalsifikat li kien jaf li l-istess kien ffalsifikat u talli ghamel uzu jew

xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik pprovduta w uzata ghal ghemil ta' xi biljett ta' flus jew xi karta specjali tali.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali esibita a fol 30 tal-process datata dsatax ta' Gunju, 2000.

Semghet lill-imptuat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu deciz minn din il-Qorti b'mod sommarju u dan kif registrat fil-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Lulju, 2000.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-imputat kellu fil-pusess tieghu ghaxar liri falza u cioe' valuta mhux mahruga mill-Bank Centrali u li din allegatament giet ghandu wara li huwa sarraf ic-cekk tal-paga fil-post fejn jahdem u cioe f'Supermarket f'San Gwann u dan nhar t-tletin ta' Settembru, 1999.

Irrizulta wkoll kif jghid l-imputat stess li dakinhar huwa mar Paceville fl-istabiliment maghruf bl-isem Bamboo Bar u ittanta ihallas ghal xi drinks b'din l-ghaxar liri falza. Il-Barmen tal-Bamboo Bar induna li kienet falza u ghalhekk l-imputat hallas b'ghaxar liri ohra. Wara l-imputat pogga din l-ghaxar liri mal-flus rimanenti li kellu mal-ghaxar liri l-ohra gol-istess but u mar go bar iehor u ipprova ghal darb'ohra ihallas biha. L-imputat fl-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu b'mod volontarju esebita f'dawn l-Atti a fol 9 tal-process immarkata CSH 2 jghid, *"Nghid illi din l-ghaxar liri, kont ser inhallas biha go bar gewwa l-Bamboo pero' dan qalli li kienet falza, ghalhekk jiena tajtu ghaxar liri ohra u fil-fatt b'din l-ghaxar liri falza hallast bar iehor li hemm. Jien nghid li kelli drink u ma tajtx kaz li din kienet il-falza u ppruvajt* ***nehles*** *minnha."* L-istess imputat ikompli jghid, *"Ghalkemm kont naf illi hija falza din giet ghandi bla ma ridt."*

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni m'hemmx dubju ippruvat il-pusess tal-ghaxar liri falza f'idejn l-imputat.

Il-Qorti pero' trid tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontax ghar-reati addebitati lilu, u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza mghotija minnha stess kif preseduta nhar l-ewwel ta' Marzu,

2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ashoor Yaaqob** rigward l-element ta' dawn ir-reati.

L-imputat huwa akkuzat principalment bi tlett akkuzi dawn naxxenti mill-artikoli 45 u 46 u 47 (a) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` dwar l-Att tal-Bank Centrali ta' Malta.

Hawnhekk minn esami ta' dawn it-tlett artikoli tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta illi l-onus tal-prova tistrieh fuq id-difiza sabiex tikkonvinci lill-Qorti sal-grad tal-probabbilita` li l-imputat kellu l-karta ta' ghaxar liri falza b'xi awtorita` legali jew skuza legittima jew ragonevoli. Ghalhekk l-imputat f'dawn l-akkuzi kuntrarjament ghal dak li jsehh fil- maggor parti tal-kumpilazzjonijiet, jispetta lilu li fl-isfond ta' din il-legislazzjoni jressaq bizzejjed provi sabiex jikkonvinci lill-Qorti li huwa kellu skuza legittima jew ragjonevoli ghall-pusess taghha. Il-Prosekuzzjoni hawnhekk m'ghandha tipprova xejn salv il-pusess li f' dan il-kaz ghamlet.

L-ewwel akkuza addebitata lill-imputat hija dik ta' falsifikar u tqieghid fic-cirkolazzjoni ta' flejjes foloz. Hawnhekk pero' l-legislatur ikkwalifika tali pusess fis-sens li l-posessur irid ikun koxjenti tal-falsita` taghhom, jigifieri mhux bizzejjed li jigi pruvat li l-flejjes kienu foloz, izda li l-posessur kien jaf li kienu flejjes foloz u li koxjentement ipprova

ipoggihom fic-cirkolazzjoni. Jigifieri il-legislatur ried illi l-agir tal-imputat u cioe` li jiddispaccja l-flejjes foloz kien wiehed volontarju u intenzjonali.

Fit-tieni lok l-imputat huwa akkuzat li kellu il-pusess ta' valuta falza. Hawnhekk il-legislatur ukoll ikkwalifika tali pusess fis-sens li l-pusessur jrid ikun xjenti tal-pusess ta' valuta falza.

Fit-tielet lok l-imputat huwa akkuzat li minghajr awtorita` legali jew raguni legali jew ragonevoli, ghamel uzu jew kien jaf li kellu karta intenzjonata jew ahjar destinata sabiex tghaddi bhala valuta. Hawnhekk ghal darb'ohra irid jigi ippruvat l-intenzjoni kriminusa ghal tali agir fis-sens tal-koxjenza tal-agir illegali.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi migjuba quddiemha b'mod partikolari ghall-istqarrija li ghamel l-imputat u ghax-xhieda li ta' viva voce l-Qorti fis-seduta tal-hdax ta' Dicembru, 2000.

Minn esami ta' dak li qal l-imputat jirrizulta bic-car li l-imputat kien jaf li kellu fil-pusess tieghu valuta falza meta ghat-tieni darba mar biex ihallas biha ghal xi drinks li kien xtara mill-istabbiliment Footloose. Anzi huwa jghid li kien gie mgharraf li l-ghaxar liri li kellu kienet falza u fi

kliemu stess huwa jghid li ried jehles minnha, naturalment billi jipprova jmexxiha u jghaddiha lil haddiehor.

Il-Qorti ssostni illi dan hu propju dak li l-legislatur ma riedx li jsir u cioe li bniedem ikun jaf li ghandu flejjes foloz u jipprova jpoggijhom fic-cirkolazzjoni minnflok ma jghaddihom lill-awtorita`.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-akkuzi naxxenti mill-Att tal-Bank Centrali jirrizultaw ippruvati b'mod soddisfacenti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes tal-esperti nominati fil-proceduri kriminali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, pero' minn esami ta' process ma jirrizultax li gew nominati xi esperti f'dawn il-proceduri u ghalhekk tali talba qed tigi michuda.

Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, li hija wahda relattivament nadifa salv ghall-kontravenzjoni registrata fuqha. Rat ukoll li l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk tikkonsidra li fic-cirkostanzi piena karcerarja mhiex il-piena idoneja.

**Il-Qorti ghaldaqstant qed tikkundanna lill-imputat RICHARD MEILAK komplessivament fuq l-akkuzi kollha ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira (LM 150).**

**Inoltre wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-flejjes esibiti f'dawn l-atti jigu konfiskati u depositati fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika bhala depositu centrali tal-flejjes barranin foloz misjuba hawn Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**